# 325 Sena mill-bini tal-Knisja l-Qadima ta' Santa Venera
## *(1688-2013)*

Charlie Scerri

Mal-ewwel daqqa t'għajn lejn il-faċċata tal-knisja l-qadima tagħna, wieħed forsi ftit jintebaħ li din il-binja storika ilha wieqfa għal dawn l-aħħar 325 sena. Kieku l-ġebel kellu jitkellem, żgur li kien jirrakkonta storja twila u mqanqla, u mill-aktar interessanti. Tajjeb ngħidu li l-knisja li naraw illum ħadet post żewġ knejjes oħra ta' żmien aktar bikri. Fil-fatt, minn dokumenti li jeżistu, nafu li sa mis-seklu ħmistax diġà kien hawn knisja ddedikata għall-kult



Mumenti mill-imgħoddi tal-Knisja waqt il-festa titulari ta' Santa Venera V.M.


Purċissjoni bl-istatwa tal-Madonna tal-Karmnu ħierġa mill-Knisja l-Antika (dak iż-żmien il-Knisja Parrokkjali)

ta' Santa Venera Verġni u Martri li, flimkien ma' Sant'Agata, Santa Luċija, u Santa Katerina, kienu fost l-ewwel devozzjonijiet li daħlu f'Malta lejn qaddisin nisa. Ta' min jgħid li l-probabbiltà hija li l-ewwel knisja mibnija fl-istess lok kienet mibnija fuq stil medjovali tardiv, u li aktar tard kienet ġiet modifikata strutturalment billi tkabbret biex takkomoda l-esiġenzi tan-nies tal-madwar. Waqt l-Assedju l-Kbir din kienet ġarrbet ħsarat kbar u wara dan l-assedju kienet issewwiet biex reġgħet bdiet tiffunzjona. Tajjeb insemmu li f'dan iż-żmien ukoll, fiċ-

ċimiterju li kien imiss magħha, kienu ndifnu ħafna suldati barranin li kienu mietu fl-assedju. Kien proprju għalhekk li din il-knisja kienet tant miżmuma tajjeb u meqjuma. Ħasra li sa issa ma nstabux jew ma nafux li jeżistu fdalijiet strutturali ta' dawn il-knejjes bikrija.


Ritratt antik tal-Knisja u l-Kunvent

Intant, il-knisja li naraw fl-istess post illum għandha linji arkitettoniċi barokki sempliċi, imma fl-istess ħin eleganti u sinjorili. Din kienet lesta mill-bini fl-1688 u ftit taż-żmien wara kien inbena l-kunvent. Tajjeb insemmu li din il-knisja qatt ma kienet profonata u dejjem kienet sagramentali. Din il-knisja kienet miżmuma tajjeb ħafna tant li fiha nsibu saħansitra xogħol li ħareġ mill-bottegin ta' Mattia Preti waqt li dan kien qed jaħdem fuq is-saqaf tal-knisja konventwali ta' San Ġwann. Fattur ieħor li ta importanza lil din il-knisja kien il-fatt li din kellha saħansitra titlu maġisterjali billi kienet ta' disponibilità għall-ħtigijiet spiritwali tal-Granmastru Antonio Manuel de Vilhena. Dan seħħ meta dan il-granmastru kien bena l-palazz tiegħu fl-inħawi ta' din il-knisja biex jużah għall-villeġġjatura.

L-elementi bi proporzjonijiet korretti li għandha din il-knisja jindikaw xebh ma' strutturi oħra ekkleżjastiċi tal-arkitett Malti Tumas Dingli, li hu magħruf għall-kapaċitajiet kbar li kellu fil-manipulazzjoni tal-ġebla Maltija. Dan, min-naħa tiegħu, kellu influenza mix-xogħol ta' Ġlormu Cassar u ta' ibnu Vitor Cassar. Madankollu, ma neskludux il-possibiltà li l-arkitett Malti Lorenzo Gafà seta' b'xi mod influwenza fl-istil ta' din il-knisja. Li hu żgur hu li din il-knisja ma tistax titqies bħala kappella li kont issib fil-kampanja minħabba d-daqs tagħha.


Il-kampnar tal-Knisja wara xogħol estenziv ta' restawr fuqu, u l-miġja ta' sett ġdid ta' qniepen intonati għalih

Naraw ukoll li mal-medda tas-sekli, kienu diversi entitajiet ekkleżjastiċi li amministraw il-pastorali f'dawn l-inħawi u l-istess knisja. Jidher li fil-bidu din kienet f'idejn l-eremiti ta' San Galogero li għal żmien twil kienu żammewha bħala eremitaġġ. Wara, din għaddiet f'idejn il-Franġiskani Minuri u anke f'idejn il-Ġiżwiti. Jibqa' jissemma' l-iktar id-djoċesan Dun Xand

Cortis li għal diversi snin amministra din il-knisja b'tant dedikazzjoni sa ma hu stess irsista biex fl-1912 il-ħtiġijiet spiritwali tal-komunità Vendriża jiġu afdati f'idejn il-patrijiet Karmelitani, tant li fl-1913 il-knisja u l-kunvent ta' Santa Venera kienu ngħataw b'mod uffiċjali lil dan l-istess ordni reliġjuż. Għaldaqstant, proprju f'din is-sena li qed niċċelebraw it-325 sena mill-bini ta' din il-knisja, qegħdin ukoll infakkru l-ewwel ċentinarju mill-miġja, b'mod uffiċjali, tal-Ordni Karmelitan. Minn dakinhar dan l-ordni reliġjuż ma ħarisx lura fil-ħidma pastorali tiegħu b'risq id-djoċesi Maltija u l-parroċċa ta' Santa Venera.


Dettall tant sabiħ mill-kwadru titular wara ir-restawr tant tajjeb li sar fuqu u li reġa' kixef lura l-isplendur oriġinali ta' dan ix-xogħol tas-seklu sbatax

Fil-fatt, ftit taż-żmien wara, din il-knisja u l-inħawi tagħha ngħataw it-titlu ta' parroċċa. Din kienet għall-Karmelitani l-ewwel parroċċa li ġiet fdata lilhom biex jamministrawha. Intant, din is-sena qed infakkru wkoll l-ewwel ċentinarju minn meta din il-knisja mmexxija mill-Karmelitani, ġiet maħtura viċi-parroċċa. Kien biss ħames snin wara li l-awtoritajiet ekkleżjastiċi, b'digriet tal-Isqof Mons. Pietru Pace, ħatru wkoll lil din il-knisja biex tkun il-knisja parrokkjali ta' din il-parroċċa l-ġdida. Din il-knisja damet taqdi dan id-dmir għal aktar minn sebgħin sena sakemm il-parroċċa ġiet trasferita għall-knisja l-ġdida.


Il-Knisja minn ġewwa kif tkun armata għall-festa tal-14 ta' Novembru

Jekk niġu għal żminijietna, ikollna nammettu li l-manutenzjoni u l-ħtiġijiet ta' din il-knisja dejjem jirrikjedu sagrifiċċju u spejjeż kbar. B'koperazzjoni sħiħa bejn il-poplu u l-patrijiet, illum nistgħu ngħidu li l-knisja hija miżmuma tajjeb ħafna u hija mgħammra b'kulma hu meħtieġ għall-kult divin. Ta' min isemmi xi xogħlijiet importanti li saru dan l-aħħar, fosthom ix-xogħol estensiv tar-restawr tal-kampnar, ir-restawr tal-kwadru titulari li reġa' ġie fl-istat oriġinali tiegħu, ix-xogħol ta' restawr u tisbieħ tal-istatwa tant ħelwa ta' Santa Venera Verġni u Martri, il-pedestall, il-bradella u l-bankun ġodda għal din l-istess statwa, u fl-aħħar u mhux l-inqas il-miġja tas-sett qniepen ġodda. Dawn kollha qed iservu biex inkomplu nsebbħu dan il-maqdes għażiż li għandna. Hemm numru ta' proġetti oħra importanti xi jsiru biex din id-dar t'Alla tibqa' tinżamm b'dinjità, b'rispett u b'qima, imma hawnhekk trid tkompli tispikka l-ġenerożità tan-nies li għandhom għal qalbhom lil Santa Venera, lil din il-knisja, u l-kumplament tal-parroċċa tagħna.